MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2004

Citazzjoni Numru. 328/1995/2

**Raymond Caruana ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' F. Caruana Brothers Company Limited**

**Vs**

**Il-Ministru tal-Ambjent u d-Direttur Generali tas-Sezzjoni tad-Dranagg fid-Dipartiment tax-xogholijiet u b'digriet tal-14 ta' Marzu, 1997 gie kjamat fil-kawza Joseph Silvio. B'digriet tal-Qorti ta' l-15 ta' Mejju, 2003 giet awtorizzata korrezzjoni u l-kliem "Ministru tal-Ambjent " ghandhom isiru "Il-Ministru tar-Rizorsi u Infrastruttura". B'nota pprezentata fit-13 ta' Jannar, 2004 mill-avukat Guido Pace Spadaro il-korporazzjoni ghas-servizzi ta' l-ilma assumiet l-atti minflok id-Direttur Generali tas-Sezzjoni tad-Dranagg fid-Dipartiment tax-Xogholijiet**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta’ attrici fl-10 ta’ Marzu, 1995, li in forza taghha, wara li ppremettiet illi s-socjeta’ attrici ilha tipprovdi materjali lill-konvenuti ghall-*maintanance* tas-*Sant’ Antnin Waste Recycling Plant* ghal dawn l-ahhar tliet snin.

Ippremettiet illi l-bejgh kien jigi effettwat mis-socjeta’ attrici lil diversi rapprezentanti tas-*Sant’ Antnin Waste Recycling Plant,* identifikabbli bhala tali permezz ta’ *“purchasing orders”* li kien ikollhom fil-pussess taghhom u li kienu jipprezentaw fil-mument tax-xiri.

Ippremettiet illi wiehed minn dawn ix-xerrejja kien certu *Joseph Silvio* li, skond kif kienet il-prassi, gie introdott lid-ditta attrici minn kollega tieghu, bhalu mpjegat fl-*Stores tas-Sant’ Antnin Waste Recycling,* ga maghruf lill-impjegati u azzjonisti tas-socjeta’ attrici.

Ippremettiet illi f’din l-ahhar sena kien l-istess *Joseph Silvio* li l-aktar deher ghan-nom tas-*Sant’Antnin Waste Recycling Plant* biex jixtri numru ta’ materjali diversi, b’mod partikolari materjal elettriku, dejjem bid-debita *purchasing order form.*

Ippremettiet illi numru ta’ akkwisti maghmula diga’ thallsu, filwaqt li jibqa’ bilanc ta’ hamest elef u tmien mitt lira Maltin (Lm 5,800) li ghad ma thallsux, u dan kif juri l-annessi ricevuti migbura lkoll flimkien u mmarkati Dok “A”;

Ippremettiet illi minkejja li l-konvenuti kienu gew interpellati diversi drabi ghall-hlas, anke permezz tal-ittra ufficjali datata s-27 ta’ Jannar, 1995, huma baqghu inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex;

1. Tiddikjara li l-konvenuti, huma jew min minnhom, huma responsabbli ghall-hlas lis-socjeta’ attrici tas-somma ta’ hamest elef u tmien mitt lira (Lm 5,800) dovut ghall-

provvista tal-materjali skond il-*purchasing orders* hawn annessi u mmarkati bhala Dok "A";

2. Tikkundanna lill-konvenuti, huma jew min minnhom, biex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma imsemmija ta' hamest elef u tmien mitt lira (Lm 5,800).

Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata s-27 ta' Jannar, 1995, u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha huma eccepew illi;

1. Joseph Silvio qatt ma kellu d-debita awtorizzazzjoni biex jixtri l-materjali in kwistjoni ghan-nom tal-eccipjenti, u dana kien jafu l-istess attur *nomine*.

2. Illi ghalhekk biss, huwa l-kaz, u l-eccipjenti qeghdin presenzjalment jaghmlu t-talba opportuna u relativa, li l-imsemmi *Joseph Silvio* jigi kjamat in kawza personalment.

*3.* Illi l-*purchasing orders* li jsemmi l-attur *nomine* kienu gew falsifikati mill-imsemmi *Joseph Silvio,* tant li hemm proceduri kriminali attinenti ghal din il-falsifikazzjoni kontra l-istess *Silvio*, u, konsegwentement, l-eccipjenti jsostnu li ma hemm l-ebda relazzjoni guridika bejnhom u l-attur *nomine.*

4. Illi wkoll, kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, hemm probabilita' li l-istess attur *nomine* kien in konnivenza mal-imsemmi *Joseph Silvio* sabiex jippretendu li ghandu jsir il-hlas mitlub a skapitu tal-eccipjenti.

*Salvi* eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat il-verbal redatt fl-udjenza tal-24 ta' Gunju, 1996, u *cioe'* li d-difensuri tal-partijiet jaqblu li l-firma tas-*Sur*

*Grech* fuq il-*Local Purchase Orders* ma hijiex il-firma tieghu;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-14 ta' Marzu, 1997, li in forza tieghu laqghet it-talba tal-konvenuti ghall-kjamata in kawza ta' *Joseph Silvio*, u ordnat li jigi kjamat in kawza a kura u a spejjez provvizzarjament tal-konvenuti;

Rat li l-kjamat fil-kawza *Joseph Silvio* debitament notifikat bil-kawza, naqas li jipprezenta nota tal-eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci;

Rat is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-5 ta' Jannar, 1999, fil-kawza "Il-Pulizija vs Joseph Silvio";

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Is-socjeta' attrici f'din il-kawza qed titlob hlas ta' diversi oggetti li hi tallega li kienet bieghet lill-*Ministeru tal-Ambjent*, liema xiri ghan-nom tal-*Ministeru* sar minn certu *Joseph Silvio* li kien impjegat ma' dak il-*Ministeru.* Jirrizulta, fil-fatt, li l-imsemmi *Joseph Silvio* kien stazzjonat fl-impjant ta' *Sant' Antnin, Wied il-Ghajn,* li kien jinhadem b'nies tal-Gvern. Dan l-impjant kien jitratta zewg tipi ta' *waste*: wiehed drenagg u l-iehor *solid waste.* L-impjant kellu *store* li kien immanjat mill-impjegati tad-*Dipartiment tad-Drenagg, pero'*, kien *store* komuni ghaz-zewg sezzjonijiet tal-impjant. Dak li l-impjant ikollu bzonn ghat-tmexxija tieghu, kien jinxtara *tranite Local Purchase Orders (LPO)* li kellhom jigu ffirmati mid-*Direttur tas-Sezzjoni* partikolari tal-impjant li riedet l-oggett. Peress li *Raymond Caruana* kellu hanut ta' *ironmongery* fil-vicinanzi, gieli l-impjant kien jixtri l-affarijiet li jkollu bzonn

minghandu; ma kien jezisti ebda kuntratt bejn id-*Dipartiment Governattiv* u l-attur, izda, ghall-konvenjenza, l-ufficcjali tal-impjant kienu jixtru hafna affarijiet mill-hanut tal-imsemmi *Raymond Caruana.*

Kull akkwist li ried jaghmel l-impjant kellu, kif jinghad, jigi approvat mid-*Direttur in charge* u min persuna ohra hekk inkarigata. Ghan-nom tas-*Sezzjoni tad-drenagg, l-LPOs* kellhom jigu ffirmati, dak iz-zmien, mill-*accountant Mario Lombardi,* u mid-*Direttur,* il-perit *Philip Grech;* ghan-nom tas-sezzjoni tas-*Solid Waste*, *l-LPOs* kellhom jigu ffirmati mill-inginier *Mark Mangion* u mid-*Direttur John Grech.* Fil-kaz in kwistjoni, l-oggetti li taghhom is-socjeta' attrici qed titlob il-hlas, huma kollha oggetti li allegatament intalbu mis-*Sezzjoni tas-Solid Waste*, tant li fuq l-*LPOs* ezebiti li taghhom is-socjeta' attrici qed titlob il-hlas, tidher il-firma tad-direttur *John Grech.* Fil-fatt, irrizulta (u dan hu ammess mis-socjeta' attrici) li l-*LPOs* in kwistjoni huma kollha (hlief tnejn) foloz, fis-sens li d-dokument ma giex mahrug regolarment mis-*Sezzjoni* relattiva u s-suppost firma ta' *"John Grech"* hija falza. Minn verifika li saret, irrizulta li d-*delivery notes* relatati mal-*LPOs* il-foloz huma kollha iffirmati mill-kjamat fil-kawza *Joseph Silvio*. Ghalkemm dan kien isostni li l-*LPOs* kienu inhargu b'mod regolari u l-oggetti li hu xtara bis-sahha ta' dawk l-*LPOs* kien ikkonsenjhom lid-*Dipartiment,* irrizulta li, fil-fatt, l-kopja tal-*LPOs* li suppost kellha tibqa' fid-*Dipartiment* ma nstabetx, u li l-*LPOs* in kwistjoni kienu kollha derivanti mill-istess ktieb ta' *vouchers,* liema ktieb, ghalkemm kien registrat li nghata lid-*Dipartiment* li jmexxi l-impjant, kien kollu nieqes. In-numru tal-*LPOs* kienu kollha wara xulxin, u kollha derivanti minn dak l-istess ktieb li kien nieqes. Irrizulta wkoll li hafna mill-oggetti li nxtraw bis-sahha ta' dawk l-*LPOs* ma kienux instabu fl-impjant u *inoltre* ma kienux oggetti li fil-fatt l-impjant kien juza; fil-fatt, irrizulta li hafna mill-oggetti mixtrija kienu relatati mal-kostruzzjoni tal-bini. L-oggetti, kif inghad, iffirma ghalihom u hadhom l-imsemmi *Joseph Silvio*.

Jirrizulta mill-premess, allura, li l-*LPOs* li intuzaw ghax-xiri tal-oggetti in kwistjoni kienu iffalsifikati, u din il-falsifikazzjoni saret, il-Qorti hija konvinta, mill-kjamat fil-

kawza *Joseph Silvio.* Jirrizulta wkoll li dan *Joseph Silvio* uza dawn l-*LPOs* il-foloz billi xtara (bla ma hallas ghalihom) oggetti li taghhom hu inghata u ha pussess; irrizulta wkoll li dawn l-oggetti hekk mixtrija, ma gewx konsenjati fl-impjant ta' *Sant' Antnin* imma nzammu minn *Joseph Silvio* ghall-bzonnijiet tieghu.

Dan kollu jirrizulta fil-konvinciment ta' din il-Qorti minn ezami tar-rizultanzi processwali. *Inoltre,* dawn jidhru li huma l-istess konkluzzjonijiet li wasslet ghalihom l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali meta, fis-sentenza taghha tal-5 ta' Jannar, 1999 ikkonfermat il-htija tal-kjamat fil-kawza in kwantu xjentement ghamel uzu minn dokument falsifikat. Fost il-konkluzzjonijiet milhuqa minn dik l-Onorabbli Qorti insibu s-segwenti:

*"Ix-xiri tal-oggetti in kwistjoni da parti tal-appellant (il-kjamat fil-kawza f'dawn il-proceduri), u l-fatt li dawn baqghu ma waslu qatt fuq il-post tax-xoghol, jirrisultaw bl-aktar mod car mill-provi migjuba";*

*"Il-provi juru li bejn ix-xhur ta' Frar u Gunju, 1994, hu ghamel uzu minn diversi oggetti li huma fil-maggior parti taghhom konness max-xoghol ta' kostruzzjoni ta' bini";*

*"Dak li hu importanti f'dan il-kaz hu li jirrizulta sufficjentement pruvat li l-appellant kien jaf li l-LPOs kienu falsifikati u minkejja li kien hekk jaf, xjentement ghamel uzu minnhom u rcieva bihom oggetti minghand id-ditta F. Caruana Bros. Ltd, liema oggetti baqghu ma dahlu qatt fil-ledgers ta' l-istore fejn hu kien jahdem. Il-Qorti tosserva in partikolari li kull invoice li giet ezebita iggib il-firma tal-appellant, firma li l-appellant stess ikkonferma li hija tieghu";*

*"Inoltre, l-appellant, fid-depozizzjoni tieghu, jammetti li l-LPOs ezebiti kien imliehom hu".*

Dawn il-konkluzzjonijiet jistghu japplikaw ukoll ghal kaz kif mressaq quddiem din il-Qorti, u fil-fatt, din il-Qorti tista' zzid li hi wkoll konvinta li l-falsifikazzjoni tal-*LPOs* saret mill-imsemmi *Joseph Silvio*, avvolja l-Onorabbli Qorti ta' l-

Appell Kriminali ma setghetx issibu hati ta' din l-imputazzjoni peress li kien gie minnha liberat mill-Qorti tal-Magistrati.

Ghal kull *buon fini* jinghad li dina l-Qorti, fil-kawza "Carbonara vs Ryan", deciza fit-28 ta' Jannar, 2004, osservat li ma hemm xejn hazin li gudikant f'process civili jorbot decizjoni tieghu mal-provi migbura fi procediment kriminali, u fil-fatt jinghad ukoll li fil-ligi ma hemm xejn kuntrarju ghall-ezebizzjoni f'kawza civili ta' kopja ta' sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti (Vol. XXV.I.689; Vol. XXXIX.II.768). Ovvjament, minhabba l-indipendenza ta' l-azzjoni civili mill-azzjoni kriminali, il-gudizzju *in sede* penale jikkostitwixxi biss wahda mill-provi li l-Qorti Civili trid tiehu in konsiderazzjoni (ara wkoll "Xuereb vs Micallef", deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-26 ta' Novembru, 1923, "Abela vs Bonnici", deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar, 1958, u "Briffa vs Abela", deciza wkoll minn din il-Qorti fit-28 ta' Marzu, 2003).

Darba li jirrizulta dan, din il-Qorti ma tistax tara kif is-socjeta' attrici tista' tibqa s-sostni t-talba taghha ghal hlas fil-konfront tal-*Ministeri u Korporazzjoni* konvenuti. Is-socjeta' attrici tibqa' ssostni li r-relazzjoni taghha kienet biss mal-konvenuti, u l-agir tal-kjamata fil-kawza ma jinteresahiex (ghalkemm, fil-mori tal-kawza, irrikonoxxiet lil *Joseph Silvio* bhala *"debitur"* taghha u ppruvat tithallas minghandu bi ftehim ghal hlas b'rati mensili, liema ftehim, *pero'*, ma giex iffirmat mill-istess *Joseph Silvio).*

Dan l-argument, *pero'*, ma jreggix, ghax meta impjegat jagixxi kriminalment u bi frodi, dak li jaghmel ma jistax jorbot lill-principal tieghu. *Joseph Silvio*, jista' jinghad, kien imqabbad bhala mandatorju biex jagixxi ghan-nom tal-konvenuti biex jixtri l-oggetti li kellu bzonn l-impjant; ma giex inkarigat jagixxi unilateralment, billi jiffalsifika dokumenti ufficcjali u jixtri oggetti ghalih inifsu. L-*artikolu* 1880(2) tal-Kodici Civili jghid li l-mandant *"mhux obbligat ghal dak li l-mandatorju jkun ghamel barra mil-limiti ta' dawk is-setghat, hlief jekk hu jkun irratifika espressament jew tacitament dak l-eghmil".* Fil-kaz jirrizulta car li *Silvio*

agixxa barra mil-limiti tas-setghat moghtija lilu, u minn imkien ma jirrizulta, lanqas remotament, li l-*Ministeri* konvenuti, espressament jew tacitament, irratifikaw l-agir tieghu. Veru li *Silvio* kien impjegat mal-Gvern u kellu l-awtorita' jixtri oggetti f'isem il-Gvern, *pero'*, kellu jagixxi kif stipulat lilu mill-principal tieghu. Kif intqal fil-kawza "Vassallo noe vs Ebejer et", decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fis-17 ta' Marzu, 1936, u konfermata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-4 ta' Dicembru, 1936, u dan b'approvazzjoni ghal dak li intqal fid-*Digesto Italiano,*

*"Il mandante non e' obbligato per quello che il mandatario avesse fatto oltre tali facolta', se cio' non e' stato espressamente o tacitamente ratificato. La ragione di tale disposizione e' chiara e evidente: manca il consenso del mandante per tutto cio' che il mandatario compie eccedendo i limiti del mandato; onde tali atti si considerano come non avvenuti riguardo al mandante; essi non gli giovano ne' lo pregiudicano; sono res inter alios acta".*

Fl-istess sentenza inghad ulterjarment illi:

*"… peress illi n-nullita' hija assoluta, u l-att huwa totalment inezistenti, il-mandant jista' jiddiskonoxxi dak l-att u l-anqas jagixxi bl-azzjoni tan-nullita', ammenokke' bhal dan il-kaz, ma jkollux interess illi l-mandatarju jkun kundannat ghall-effetti tan-nullita', u f'dan il-kaz l-azzjoni tan-nullita' hija diretta mhux biex il-Qorti tiddikjara illi dak il-bejgh jigi annullat, imma biex tiddikjara, ossija tikkonstata, illi dak l-att huwa totalment inezistenti u null di fronti ghall-mandant ab initio, u qatt ma ezista. U ghalhekk ma jistax jezisti qatt di fronti ghall-kontraent l-iehor, anki jekk dan kien in buona fede ghaliex quod nullum est, nullum producit effectum".*

Fl-istess sens hija d-decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza "Debono vs Matthews", deciza fl-24 ta' Ottubru, 1966.

Lanqas ma jista' jinghad li t-terz, l-attur, kien f'dan il-kaz in *buona fede*, ghax mhux biss l-*LPOs* in kwistjoni kellhom

firma wahda, u mhux tnejn bhas-soltu, izda wkoll hafna mill-oggetti mixtrija kienu in konnessjoni ma’ negozju ta’ bini, u l-attur kellu jirrealizza li kien qed isehh xi haga mhux tas-soltu. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza “Attard vs Farrugia”, deciza fid-9 ta’ Frar, 1956 (Vol. XL.II.739), il-bona fede trid tkun kompluta, u jekk ghandu jirrizulta suspett, it-terz ikun fi zball jekk jaghlaq ghajnejh u jhalli kollox ghaddej minghajr ma jivverifika (ara wkoll Vol. XXIX.I.602 u Vol. XXXIV.II.605). *Inoltre,* meta s-socjeta’ attrici ma kienetx irceviet flus suppost dovut lilha ghall-oggetti mibjugha, baqghet tbiegh u taghti oggetti lil *Silvio*, u lanqas hemm ma dehrilha li kellha taghmel xi verifiki.

Il-Qorti tqis, ghalhekk, li s-socjeta’ attrici ghandha tort ghal pozizzjoni li sabet ruhha fiha, u dan ghax ma qisietx il-pozizzjoni taghha bir-reqqa meta c-cirkustanzi ta’ xiri minn *Silvio* inbiddlu, izda baqghet tfornih b’oggetti u ghalqet ghajnejha ghall-indikazzjonijiet li kien hemm u li kellhom jindikaw il-bzonn ta’ verifiki ulterjuri. Fuq kollox, kulhadd jista’ jistampa *LPOs* u jipprova juzhom ghax-xiri ta’ oggetti bi frodi, u sta ghat-terz li joqghod attent u jaghmel il-verifiki li jkun hemm bzonn, specjalment meta, bhal ma gara f’dan il-kaz, kien hemm certi bidliet fic-cirkustanzi, bidliet li kellhom jifthu ghajnejn min imexxi s-socjeta’ attrici li kien hemm xi haga *“differenti”* li kellha tigi mistharga.

Il-Qorti, ghalhekk, issib li t-talba attur ma tistax tirnexxi kontra l-konvenuti *Ministeru u Korporazzjoni,* ghax dawn m’ghandhomx jitqiesu marbuta bl-agir frodulenti tal-kjamat fil-kawza *Joseph Silvio.* Dan *Silvio* agixxa zgur oltre l-limiti tal-poteri tieghu, u kwindi huwa hu, u hu biss, li ghandu jirrispondi ghal pretenzjoni attrici.

Iz-zewg *LPOs* li fuqhom *John Grech* irrikonnoxxa l-firma tieghu, jaghmlu stat fil-konfront tal-konvenuti; id-*delivery orders* relattivi jinsabu wkoll ezebiti u la darba il-konvenuti ma pprovawx il-pagament, dawn iridu jithallsu. Dawn iz-zewg *invoices* jammontaw ghal total ta’ hamsa u disghin lira Maltin u hmistax il-centezmu (Lm 95.15).

Is-socjeta’ attrici irriduciet it-talba taghha ghal tlett elef, u tlett mitt lira Maltin (Lm 3,300), *stante* pagament akkont fil-

mori tal-kawza mill-kjamat fil-kawza *Joseph Silvio.* Ma jirrizultax li dan il-pagament sar ghas-saldu, u l-kjamat fil-kawza hu tenut, allura, li jhallas il-bilanc.

Ghaldaqstant, ghal ragunijiet premessi, tiddisponi minn din il-kawza billi tilqa' it-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut *Ministru tar-Rizorsi u Infrasstruttura* thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamsa u disghin lira Maltin u hmistax il-centezmu (Lm 95.15), u tikkundanna lill-kjamat fil-kawza *Joseph Silvio* ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef, mitejn u erba' liri Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm 3,204.85), f'kull kaz bl-imghaxijiet legali mis-27 ta' Jannar, 1995, sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza, fic-cirkustanzi, ghandhom jithallsu kollha mill-kjamat fil-kawza *Joseph Silvio.*

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------